

# il-hajja ta' kristu gesu'

## GESU' JBATI GHALINA



Gesu' flimkien ma' l-appostli halla c-cenaklu u ghadda mill-Wied ta' Kedron biex flimkien imur f'post li soltu kienu jmorru fih. Waslu fil-gnien tal-Getsemani. Guda ma kienx maghhom billi telaq qabel biex imur ghand il-kbarat tal-Lhud, jiehu l-flus li kien ftiehem maghhom talli jtihom f'idejhom lil Gesu' . Tawh xi suldati u Guda flimkien maghhom mar lejn il-Getsemani billi kien jaf li l-Imghallem tieghu spiss kien imur hemm biex jitlob.

Gesu' ghazel lil Pietru, lil Gakbu u lil Gwanni u qalihom: "Intom ejjew ftit mieghi". U lil ohrajn qalilhom biex jibqghu hemm jistennewhom. Gesu' tbieghed ftit mit-tlett appostli, daqs tefa' ta' gebla u beda' jitlob. Gesu' kien jaf li ser ibati minhabba d-dnubiet tal-bnedmin, u jbati hafna. Xtaq li kieku ma jghaddix minn dik it-tbatija, izda ried jaghmel dak li ordnalu Missieru u mhux li ried Hu.



It-tlett appostli raqdu. Gesu' xtaqhom li jitolbu mieghu, izda kellhom in-nghas. Meta Gesu' mar hdejhom talabhom biex jitolbu mieghu u ma jorqdux.
U rega'tbieghed minnhom u mill-gdid beda' jitlob. Hekk ghamel ghal tlett darbiet . Kif kien qed jitlob Gesu' dahal f'agunija u tant bata' li hariglu gharaq imhallat bid-demm. "Mulej jekk jista' jkun bieghed minni dan il-kalci, imma mhux kif irrid jien isir, izda kif trid Int."Dak il-hin dehrlu anglu tal-Mulej u beda' jwennsu fit-tbatijiet li dak il-hin kien ghaddej minnhom.

Imbaghad Gesu' qam u mar hdejn Pietru, Gakbu u Gwanni u mill-gdid sabhom reqdin. Qalilhom: "Ma flahtux tishru siegha wahda mieghi? Ishru u itolbu biex ma taqghux fit-tentazzjoni. Qumu ghax dak li ser jittradini hu fil-qrib."



U Guda flimkien mas-suldati dahlu fil-Getsemani. Qalilhom Guda: “Issa dak li ser inbus, dak hu Gesu’. Aqbduh u orbtuh.”

Imbaghad Guda resaq fuq Gesu’ u biesu. Gesu’ qalilhom: “ Lil min qeghdin tfittxu?” Qalulu “Lil Gesu’ ta’ Nazaret.” “Jien hu”, wegibhom u kif qalilhom hekk waqghu lura. “Kompla Gesu: “ Jekk qeghdin tfittxu lili hallu lil dawn imorru.”



Pietru kien pront hareg ix-xabla u beda’ jaghti lil minn gie gie. Fit-taqtigha laqat lil wiehed jismu Malku u qatalu widnejh. Gesu’ widdbu: “ Poggi x-xabla fil-post taghha. Ghax min



jaghti bix-xabla bix-xabla jmut.” Gesu’ imbaghad refa’ il-widna ta’ Malku u fejjaqilhu.

Imbaghad rabtu lil Gesu’ u haduh ghand Anna.

Anna staqsieh fuq dak li kien jghallem u Gesu’ wiegbu biex jistaqsi li dawk ta’ madwaru ghax ilkoll semghuh jghallem bosta drabi fit-tempju u bnadi ohra u setghu jkunu xiehda ta’ dak li kien jghid Hu lill-follol. Dak il-hin wiehed mill-qaddejja venvillu fuq wiccu daqqa ta’ harta  u Gesu’ jghidlu: “ Jekk ghidt xi haga hazina ghidli f’hiex, imma hekk ghidt it-tajjeb ghaliex issawtani?”



Imbaghad hadu lil Gesu’ ghand Kajfa ghax kien Kajfa flimkien mas-Sanhedrin li setghu jikkundannaw lil Gesu’. Meta kien quddiemhom ghamlulu hafna mistoqsijiet bl-akbar mistoqsija tkun: Inti tassew l-Iben ta’ Alla?” U Gesu’



wiegeb li tassew kien l-Iben ta’ Alla. Ilkoll bdew jghidu li haqqu l-mewt ghax ghamel ruhu Bin Alla.

Billi l-Lhud ma kellhomx awtorita’ inehhu l-hajja ta’ xi bniedem akkuzat minnhom, huma hadu lil Gesu’ ghand Ponzju Pilatu l-gvernatur ruman  u quddiemu akkuzaw li Hu xewwex lill-poplu biex ma jhallasx taxxi lil Cesare.

Pilatu stharrgu sew u ra lil Gesu’ kien innocenti, imma l-poplu aktar beda jghajjat biex inehhi lil Gesu’. Imbaghad haseb biex jibghatu ghand Erodi, sultan tal-Lhud



halli jiggudikah hu, imma anqas Erodi ma sab htija f’Gesu’ ghax Gesu’ baqa’ sieket quddiem dan is-sultan. Erodi hassu umiljat li Gesu’ ma qalx kelma wahda quddiem u ghaddieh b’mignun u baghtu mill-

gdid ghand Pilatu.  Pilatu qal lill-Lhud li anqas Erodi ma sabu hati u ghalhekk kien ser jehilsu. Izda l-poplu aktar sahan u ghajjat biex inehhih. Pilatu mbaghad baghat lil Gesu' ghas-swat.  Wara li sawtu lil Gesu' is-suldati nisgu kuruna tax-xewk u qeghduhielu fuq rasu u waqt li kienu jaghtuh daqqiet bil-qasba li tawh biex izomm f'idejh kienu jbaxxu rashom u jizzuffjettaw bih: "Sliem ghalik Sultan tal Lhud." Pilatu hargu quddiem il-folla u qalilhom: "Ekku s-sultan taghkom." Ghajtu n-nies : "Ahna ma ghandniex sultan hlief lil Cesare."



Pilatu hasel idejh u qalilhom li hu ma ghandux sehem mill-kundanna ta' dan il-bniedem. Is-suldati ghabbewh is-salib u Gesu' mexa' bih lejn il-Kalvarju.

Meta waslu fuq il-Kalvarju, is-suldati sallbuh flimkien ma' zewg hallelin ohra.  Hemm mislub fuq salib Gesu' bata' hafna. Il-kbarat bdew ghaddejjin minn quddiemu u jidhqu bih filwaqt li jghidulu :"Inti hlist tant nies halli naraw tehlisx lilek nnifsek." Imma Gesu' talab lil Missieru biex jahfer lil ghedewa tieghu. "Missier ahfrilhom ghax ma jafux x'inhuma jaghmlu."



Taht is-salib kien hemm Ommu u d-dixxiplu li Gesu' tant kien ihobb. Dar lejn Ommu u qalilha: "Mara hekk hu Ibnek." U mbaghad kellem lil Giovanni u qalu "Giovanni hekk hu ommok." U dak il-hin Giovanni ha lil

Marija bhala Omm tieghu.

Fuq is-salib Gesu’ qabdu l-ghatx u suldat xarrab sponza fil-hall, poggieha f’tarf ta’ qasba u tahielu ma’ halqu, izda Gesu’ ma xorobx. Imbaghad Gesu’ mifni kif kien bit-tbatija u ugiegh qal: “ Kollox mitmum.” Ftit wara ghajjat: “ Missier f’idejk nerhi ruhi.” Mejjel rasu u miet.



Is-sema ddallmet u l-art iccaqalqet u l-purtiera tat-tempju inqasmet fi tnejn minn fuq sa isfel.  Is-suldati li kienu ghassa mieghu bezghu u qalu li tassew dak kien Iben Alla.

Billi kien sar il-hin u l-festa ta’ l-Ghid kienet qorbot, Guzeppi minn Armatea u Nikodemu nizzlu l-gisem ta’ Gesu’, wara li hadu l-permess minghand Pilatu, dilkuh bl-ingwent skont l-uzu tal-Lhud u difnuh f’qabar li fih hadd ma kien ghadu ndifen.



## RIFLESSJONI

Kemm bata’ Gesu’ biex fdieni u bhala sehem tal-wirt tieghi jkolli l-Genna.
Jiena u inti, xi ftit jew wisq ma konniex fidili Lejh minkejja li weghdnih fil-maghmudija li ser nichdu lix-xitan u l-opri hziena tieghu.
Madankollu Hu lest li jahfrilna u jaghtina mill-gdid il-hbiberija tieghu.
Ejjew spiss intennu din it-talba biex nghidulu li jiddispjacina li offendejnih bid-dnub taghna:

“Gesu’ bata ghalija u jiena kelli l-hila noffendih. Ahfirli Gesu’ tieghi. Ma nergax.”